ŻURRIEQ

Kunsill Lokali Żurrieq

# Rapport Annwali Amministrattiv għat-tielet sena tal-leġislatura tas-seba' Kunsill Lokali

## Jannar, 2014 - Diċembru, 2014

*Tema: Inkattaru l-Impenn tagħna għal Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Din kienet it-tielet sena tas-seba' leġislatura li kienet waħda li kompliet mas-snin ta' qabel fejn il-Kunsill kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq manutenzjoni tat-toroq. Irridu naraw ukoll li l-wegħdi li għamilna jitwettqu sa tmiem il-leġislatura.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali bla waqfien sabiex kull familja fiż-Żurrieq tħossha tgħix fl-lokalita li qed tiżviluppa mal-pass tal-progress. Dħalna bi sħab fil-proġett LEAP fejn bdejna u ser inkomplu ngħinu lill-persuni vulnerabbli.

Dejjem hemm il-ħtieġa ta' aktar żvilupp fl-infrastruttura imma dan isir sakemm il-fondi li jingħatawlna jkunu jkopru l-ispejjeż kollha. Inkomplu napplikaw għall-fondi mill-UE ħalli fejn il-Kunsill ma jasalx bil-fondi mgħotija jipprova jasal bil-fondi mill-UE, u l-għan jintlaħaq xorta.

Irrid intemm din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tiegħu għal ħidma bla waqfien sabiex dan ix-xogħol kollu seta jsir rejalta. Inħarsu 'l quddiem biex nispiċċaw din il-leġislatura b'mod pożittiv.

Ignatius Farrugia
Sindku
Diċembru 2014

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'April 2012, u fadal l-aħħar tliet xhur biex tiġi terminata. Il-Kunsill kien kompost minn ħdax –il Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku. Kull wieħed għandu r-responsabilita ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu erbgħa uffiċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn. Fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hemm inkorporat Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li f'din is-sena beda t-tieni leġislatura tiegħu f' Lulju 2014, fejn minn 5 membri kkontestaw 4 persuni u għalhekk ma saritx elezzjoni. Fuq qbil unanimu l-Kumitat hu kompost miċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-Membri Joseph D'Amato u Marilyn Sammut.

Il-Kunsillieri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ignatius Farrugia – Amministrazzjoni, Negozji, Komunita' Kummerċjali, Media, Finanzi, Toroq u Proġetti u għaqdiet fir-raħal

Viċi Sindku Rita Grima – Saħħa, Servizzi Soċjali, Persuni b'diżabilita', familji

Kunsillier Rita Bellizi – Attivitajiet tal-anzjani, korsijiet tal-crafts u arti

Kunsillier Joseph D'Amato - Kultura u turiżmu u assistenza mas-Sindku fuq Toroq u Proġetti

Kunsillier Dr Claudio Zammit – Liġi, Ġemellaġġi, IT

Kunsillier Dino Bonnici – Sports.

Kunsillier Vincent Anthony Marmara – Żgħażagħ, Edukazzjoni u Fond tal-Ewropa

Kunsillier Raymond Grixti – Enerġija u ilma, devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq.

Kunsillier Pierre Farrugia – Attivitajiet Prinċipali u assistenza mas-Sindku fuq Toroq u Proġetti

Kunsillier David Abdilla – Ġonna Pubbliċi, Drittijiet tal-annimali

Kunsillier Kevin Sam Farrugia – Proġetti tal-Ewropa, Indafa Pubblika u Trasport Pubbliku

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri:** Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio:** Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus:** Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Moira Azzopardi:** Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

F'din is-sena l-Kunsill kellu r-riżenja tal-iskrivana Moira Azzopardi u l-Kunsill ħareġ sejħa interna biex jintela l-post vakant u minħabba li ma kienx hemm applikanti, intgħażel is-Sur Robert Attard wara interview mil-lista li offrew l-ETC.

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar, 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014 inżammu tnax laqgħat tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skuzati | Assenti |
|---|---|---|---|
| Is-Sindku Ignatius Farrugia | 12 | 0 | 0 |
| Il-Viċi Sindku Rita Grima | 11 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Rita Bellizi | 10 | 2 | 0 |
| Il-Kunsillier Joseph D'Amato | 10 | 2 | 0 |
| Il-Kunsillier Claudio Zammit | 7 | 5 | 0 |
| Il-Kunsillier Dino Bonnici | 11 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Vincent Anthony Marmara | 10 | 2 | 0 |
| Il-Kunsillier Raymond Grixti | 8 | 4 | 0 |
| Il-Kunsillier Pierre Farrugia | 11 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia | 11 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier David Abdilla | 11 | 1 | 0 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2014 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

94.6 % mingħand il-Gvern Ċentrali
5.2% mis-sistema tal-infurzar tal-liġi
0.2% mill-Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

15% fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
52% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
33% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank ta' €332,460.63 – trid tqis li hemm ammont kbir ta' cheques mhux imsarfa.

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi u sinjali u marki tat-traffiku.
- Tindif ta' toroq urbani, tindif madwar il-BIS, qtugħ ta' ħaxix.
- Il-Kunsill ma setgħax jgħamel xogħol ta' tindif ta' spiss ta' toroq mhux urbani minħabba appell li għamel wieħed mill-kuntratturi li ma ħax it-tender u li tali appell ma ġiex maqtugħ mil-d-Dipartiment, għalhekk kellu jagħti partijiet ta' toroq lil kuntratturi diversi biex jgħamlu x-xogħol meħtieġ għal darba fix-xahar ta' Ottubru.
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Ġiet installata bollard fl-entratura ta' Sqaq il-Helu minħabba li vetturi kienu qed ikunu pparkjati fl-imsemmi sqaq.
- Inxtraw ammont ta' kotba bl-għajnuna mill-Gvern Ċentrali.
- Tkomplew isiru korsijiet tal-ECDL, E tfal u Learn IT mit-TCTC u tagħlim tal-lingwa Ingliża, Maltija u Matematika, f'Dar Mattia Preti.
- Fil-bidu tas-sena saret żjara mill-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta Dr George Abela.
- Saru attivitajiet għal okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq fosthom quddiesa, tpoġġew fjuri quddiem il-monumenti, u attivita' mużikali fejn ingħataw il-premju 'Ġieħ Iż-Żurrieq' lill-Ex Kunsilliera u lil 10 persuni oħra bħala rikonoxximent għax-xogħol/servizz li taw volontarjament. Dan sar taħt il-patroċinju tal-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta' Marie-Louise Coleiro Preca.
- Il-Kunsill ta rikonoxximent lill-grupp tal-Minors taż-Żurrieq FC talli ġew promossi mit-tielet għat-tieni sezzjoni.
- Saret inizjattiva favur il-qari bl-għajnuna bl-għajnuna tar-Reġjun Nofsinhar.
- Saret it-tielet edizzjoni ta' Festa Ħut.
- Saret attivita' fil-Milied bil-parteċipazzjoni tal-Orkestra taż-Żurrieq.
- Saret attivita' madwar il-Mitħna tax-Xarolla fejn ipparteċipaw l-għaqdiet taż-Żurrieq u l-Orkestra taż-Żurrieq. Dan kollu sar bl-għajnuna tal-Gal Xlokk.
- Ġie propost li l-Orkestra tal-Kunsill għandha tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Valletta 18.
- Wara rapport li kien sar biex jiġu stabbiliti n-nuqqasijiet li fihom il-ġonna pubbliċi, bdiet issir il-manutenzjoni ta' Ġnien it-tfal taż-Żurrieq, u fi żmien qasir ser tibda il-manutenzjoni ta' Ġnien l-emigranti Żrieraq u Ġnien il-bennej.
- Saret lampa ġdida li taħdem bil-panelli solari fil-viċinanzi tal-head quarters tal-iscouts
- Ġew installati 2 bankijiet f'Misraħ il-Karmelitani u Triq Burlangasa u saru manutenzjonijiet f'bankijiet oħra.

- Saru attivitajiet tal-anzjani li kienu maqsuma f'mawriet għall-Sqallija u Għawdex, weekend breaks, dinner dances u ħarġiet kulturali u żjarat lill-anzjani fiċ-ċentri ta' matul il-jum/lejl għall-anzjani.

- Il-Kunsill ħa sehem f'esebizzjoni ta' qofof bil-ħxejjex u l-frott fil-Great Spring Show.

- Sar xogħol fuq Misura 125 għal-trejqa f'Ħal Far fejn l-għelieqi.

- Tqassmu erba' boroż għall-ġbir tal-iskart riċiklat u qed ikollna wkoll ġabra speċjali għall-ħġieġ.

- Tneħħew il-Bring in Sites ta' Triq Kalanġ Bugeja, Triq L Zerafa u Triq P P Pullicino, minħabba li r-residenti ma kienux qed jużawhom tajjeb.

- Saret proposta lill-Transport Malta biex isiru bus shelters f'dawn il-postijiet: fi Triq Wied Babu, Triq Santa Marija viċin il-kappella, f'Misraħ Mattia Preti u viċin it-telephone box fi Vjal l-Indipendenza.

- F'żewġ okkazjonijiet – waħda fir-riħ qawwi li sar fix-xahar ta' Mejju u darb 'oħra waqt maltempata li saret fl-aħħar ta' Settembru, saru ħsarat kbar lill-antenni tal-Mitħna tax-Xarolla u inbdew il-manutenzjoni fiha.

- Il-Kunsill ospita delegazzjoni minn Borgo Maggiore fejn kienu preżenti il-Capitano Sergio Nanni u l-membri kollha tal-ġunta. Fost waħda mill-attivitajiet il-Kunsill organizza ikla flimkien mal-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill u invithom ukoll fl-attivita' li saret madwar il-Mitħna tax-Xarolla – Għad-dell tal-Mitħna.

- Rappreżentanza mill-Kunsill – il-Kunsillier David Abdilla rrappreżenta lis-Sindku ġewwa Morphou, fejn din is-sena ġie mfakkar l-erbgħin sena tal-okkupazzjoni Torka.

- Wara diversi manutenzjonijiet fil-funtana ta' Vjal il-Blu Grotto, il-Kunsill beda l-proċess biex iġib għajnuna ħalli titneħħa u minfloka ssir roundabout bħal bqija l-oħra li qed isiru f'Malta.

- Saret talba għad-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Gervase Matthew u bdew laqgħat mal-bank biex il-Kunsill jipprova jieħu loan .

- Saret skola sports bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves.

- Saru iżjed dog bins u tabelli biex ir-residenti ma jarmux skart barra.

- Qed tintrama l-Mitħna tax-Xarolla b'għamara antika u manikini.

- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mad-Dog Trust biex jiġu neutered l-annimali fiż-Żurrieq.

- Inxtraw aktar kotba għal-librerija.

- Reġgħet saret l-attivita 'Festa Ħut' - li din is-sena kienet ta aktar suċċess minn tnejn li saru qabilha.

- Ma' Transport Malta saru ukoll diversi laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku, speċjalment għall- Vjal ix-Xarolla.

- Is-seduti bdew isiru streamed online.

- Saru diversi laqgħat mal-MTA biex bi sħab mal-Kunsill jkun protett it-tisbieħ fil-Ġnien tal-Gibjun li sar is-sena l-oħra. Il-Kunsill ħa ħsieb li jnaddaf dan il-ġnien erba' darbiet fil-ġimgħa bl-għajnuna tal-MTA u fetaħ il-letrina kuljum fiż-żmien l-istaġun tas-sajf.

- Sar bexx lis-siġar tal-palm li għadhom mhedda mill-insett R ed Palm Weevil.

- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.

- Ingħatat l-injection tal-influenza lill-anzjani 'l fuq minn 55 sena.

- Saru attivitajiet sportivi fosthom il-17th Half Marathon.

- Saru żewġ attivitajiet f'Bubaqra – waħda Żrieraq fl-Imgħoddi u Tieġ Tradizzjonali Malti bl-għajnuna tal-għaqdiet tal-lokal u b'fondi mill-Gvern Ċentrali.

- Ħarġu żewġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.

- Saru diversi bollards/barriers bħala ilqugħ għall-protezzjoni, fosthom dawk fi Triq Santa Katarina għal waqt id-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola.

- Saru bdil ta' kaptelli fi Vjal il-Blue Grotto

- Saret l-inawgurazzjoni tal-proġett ta' tisbieħ f'Ħal Millieri.

- Il-Kunsil talab li t-Torri tal-Wardija ikun vakant minn kull attivita' li m'għandiex x'taqsam mal-wirt kulturali.

- Tneħħew 3 siti ta' Bring in Sites – waħda minn Triq P P Pullicino, Triq Kalang Bugeja u Triq Joseph L Zerafa, minħabba li ma kienux qed jintużaw tajjeb. Inżammu biss dik ta' fejn iċ-ċimiterju u dik ta' Triq il-Barrieri, it-tnejn ser ikollhom installati CCTV camera magħhom.

- Il-Kunsill beda jigbor l-iskart bieb bieb fuq 4 t'ijiem. Dan kollu biex jitnaqqsu l-ispejjez, tniggiz tal-arja u riciklagg.

- Fl-okkazjoni tal-festa ta' San Martin, il-Kunsill qassam frott lit-tfal tal-iskola primarja taz-Zurrieq.

- Sar seminar fis-sala tal-Kunsill, dwar l-ansjeta' fit-tfal.

- Saru bollards elettronici f'Misrah Mattia Preti

- Il-Kunsill issieheb fl-International Association of Peace Messanger Cities u sar l-ewwel seminar fejn il-Kunsill kien rapprezentant mill-Kunsillier.

- Saru laqgħat biex il-funtanta fi Vjal il-Blue Grotto tinbidel f'waħda aktar sempliċi u moderna.

- Il-Kunsill iffirma ftehim sabiex issir id-devoluzzjoni tal-berġa tas-saħħa u ġew installati airconditions fl-istess berġa tas-saħħa.

- Intalbet id-devoluzzjoni tal-uffiċċju tal-berġa tas-saħħa biex jintuża mill-Kunsill.

- Saret manutenzjoni ta' Dar Mattia Preti biex iservi ta' uffiċċju tal-LEAP.

- Ser jinġibu kwotazzjonijiet biex jinxtraw apparat ta' eżerċizzju għall-anzjani.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Kumitat Amministrattiv Bubaqra

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn 4 membri - Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Joseph D'Amato u Marilyn Sammut.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ic-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Marilyn Sammut - Żgħażagħ

Wara li reġgħu infethu l-applikazzjonijiet għall-post vacant ta' membru mal-Kumitat Amministrattiv, ġie elett is-Sur Kevin Sam Farrugia.

### Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Inżammut 12 –il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fis-sena 2014, li l-attendenza għalihom kienet:

| | Preżenti | Skużati | Assenti |
|---|---|---|---|
| Ic-Chairperson Pierre Farrugia | 12 | 0 | 0 |
| Il-Vici Chairperson Maria Schembri | 11 | 1 | 0 |
| Il-Membru Joseph D'Amato | 10 | 2 | 0 |
| Dawn il-membri ġew eletti u bdew jattendu s-senduti minn Lulju: | | | |
| Il-Membru Marilyn Sammut | 6 | 0 | 0 |
| Dan il-membru beda jattendi is-seduti minn Diċembru : | | | |
| Il-Membru Kevin Sam Farrugia | 1 | 0 | 0 |

### Hidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu..
3. Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra.
4. Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq.

5. Baqa' jiġi ppublikat il-*leaflet* għal Bubaqra li joħroġ tliet darbiet fis-sena.

6. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.

7. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.

8. Żdiedu lampi ġodda fi Triq Ħal Far.

9. Qed isir studju fuq Triq Zakkarija Ronkali u l-madwar biex jitjieb it-traffic management u saret u saret applikazzjoni mat-TM biex ikun approvat.

10. Saret bankina tul art kbira fi Triq G M Callus.

11. Ġew installati aktar dog bins.

12. Il-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena minflok żied ornamenti oħra tal-milied, għamel żewġ ornamenti minn dawk eżisteni jaħdmu mekkanizat.

13. Sar riċeviment għat tfal ta' Bubaqra fejn kien hemm konkorrenza kbira. Dan sar kollu permezz ta' sponsors minħabba li riċevimenti ma jistgħux isiru mill-Kunsill/Kumitati Amministrattivi.

14. Għal sena oħra l-Kumitat Amministrattiv reġgħa applika biex jieħu għajnuna ta' fondi sabiex ikun jista jerġa jtellgħa attivita' kulturali f'Bubaqra. Għal din is-sena wkoll reġgħa stieden lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq, fejn applikaw iż-żewġ soċjetajiet mużikali li offrew attivita' kull wieħed. Kienet magħżula l-attivita' Raħħala Żrieraq bl-għajnuna tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fis-26 ta' April. Wara saret attivita' bl-għajnuna tas-Soċjeta Mużikali li kien jisimha 'It-tieġ tradizzjonali Malti' li saret fis-17 ta' Mejju.

15. Sar rapport mill-Perit tal-Kunsill fuq l-għargħar li qed ikun hemm fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin.

16. Sar rapport fuq l-ilma li joqgħod fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia

17. Rega sar restawr tal-istatwa ta' Santa Marija fil-Misraħ ta' Bubaqra.

18. Il-Gal Xlokk jekk jifdallhom savings mil-budget ser jagħmlu wiċċ lil parti minn Triq Gio Batta Riccio.

19. Tneħħiet il-Bring in Site minn Triq Kalanġ Bugeja minħabba li ma kienetx qed tintuża tajjeb u tħalliet dik ta' fejn iċ-Ċimiterju.

20. Intalbet l-għajnuna ta' Transport Malta biex isir traffic management fi Triq il-Qiegħa.

21. Ġiet milqugħa applikazzjoni għall-fondi mill-EU fir-rigward ta' exchange taż-żgħażagħ.

22. Il-Kumitat Amministrattiv beda l-proċeduri biex isir wiċċ ġdid fi Triq it-Torri (il-parti ta' bejn Triq Fra Gammari Zammit u Vjal l-Indipendenza. Liema stima tlaħħaq 31,255.50Euro.

23. Sar xogħol ta' tindif bil-gafef, fi sqaq fi Triq it-Torri.

## 3.5 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul din il-leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroq u l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv
Jannar, 2015

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 (Euro) | ACTUAL 2014 (Euro) | BUDGET 2015 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 991,035.00 | 660,560.00 | 1,236,408.00 | 245,373.00 | 575,848.00 |
| 0020 | Bye-laws | 58,000.00 | 126,798.00 | 97,000.00 | 39,000.00 | (29,798.00) |
| 0090 | Investment | 6,800.00 | 5,515.00 | 5,000.00 | (1,800.00) | (515.00) |
| 0100 | General | 0.00 | 1,500.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 1,500.00 |
| | TOTAL | **1,055,835.00** | **794,373.00** | **1,341,408.00** | **285,573.00** | **547,035.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 115,027.00 | 107,779.00 | 109,885.00 | (5,142.00) | 2,106.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 487,096.00 | 571,663.00 | 576,295.00 | 89,199.00 | 4,632.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 453,712.00 | 210,855.00 | 655,044.00 | 201,332.00 | 444,189.00 |
| | TOTAL | **1,055,835.00** | **890,297.00** | **1,341,224.00** | **450,927.00** | **450,927.00** |
| | **Balance** | **0.00** | **(95,924.00)** | **184.00** | **184.00** | **96,108.00** |

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a BUDGET 2014 (Euro) | b ACTUAL 2014 (Euro) | c BUDGET 2015 (Euro) | c-a VAR BUD-BUD (Euro) | c-b VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Income | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 709,770.00 | 720,812.47 | 709,245.00 | (525.00) | (11,567.47) |
| 0002 | Supplementary | 168,330.00 | 145,337.16 | 131,711.00 | (36,619.00) | (13,626.16) |
| 0003 | Special needs | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | 36,680.54 | | 0.00 | (36,680.54) |
| | | **878,100.00** | **902,830.17** | **840,956.00** | **(37,144.00)** | **(61,874.17)** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 13,000.00 | 20,434.86 | 20,500.00 | 7,500.00 | 65.14 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 12,500.00 | 15,404.52 | 16,000.00 | 3,500.00 | 595.48 |
| 0056 | Contributions and donations | 1,500.00 | 100.00 | 500.00 | (1,000.00) | 400.00 |
| 110 | Donations Receivable | | | | | |
| 0066 | General | 8,000.00 | 14,270.46 | 14,000.00 | 6,000.00 | (270.46) |
| | | **35,000.00** | **50,209.84** | **51,000.00** | **16,000.00** | **790.16** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 1,000.00 | 1,617.24 | 1,500.00 | 500.00 | (117.24) |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **1,000.00** | **1,617.24** | **1,500.00** | **500.00** | **(117.24)** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | 200.00 | | | (200.00) | 0.00 |
| 0120 | Contributions | 0.00 | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **200.00** | **0.00** | **0.00** | **(200.00)** | **0.00** |
| | **TOTAL** | **914,300.00** | **954,657.25** | **893,456.00** | **(20,844.00)** | **(61,201.25)** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 (Euro) | ACTUAL 2014 (Euro) | BUDGET 2015 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 11,300.00 | 11,675.88 | 11,700.00 | 400.00 | 24.12 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 78,669.00 | 75,794.60 | 76,000.00 | (2,669.00) | 205.40 |
| 1300 | Bonuses | 7,600.00 | 7,295.92 | 7,400.00 | (200.00) | 104.08 |
| 1400 | Income supplements | | | | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 6,361.00 | 6,809.72 | 7,000.00 | 639.00 | 190.28 |
| 1600 | Allowances | 13,770.00 | 13,579.24 | 13,600.00 | (170.00) | 20.76 |
| 1700 | Overtime | 3,100.00 | 949.73 | 1,000.00 | (2,100.00) | 50.27 |
| | | **120,800.00** | **116,105.09** | **116,700.00** | **(4,100.00)** | **594.91** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 6,000.00 | 12,077.00 | 12,000.00 | 6,000.00 | (77.00) |
| 2200 | Materials and supplies | 4,000.00 | 3,012.55 | 3,000.00 | (1,000.00) | (12.55) |
| 2300 | Repair and upkeep | 95,500.00 | 65,246.00 | 59,900.00 | (35,600.00) | (5,346.00) |
| 2400 | Rent | 4,000.00 | 3,012.00 | 3,000.00 | (1,000.00) | (12.00) |
| 2500 | International memberships | 2,000.00 | 2,712.00 | 2,700.00 | 700.00 | (12.00) |
| 2600 | Office services | 5,200.00 | 5,822.00 | 5,500.00 | 300.00 | (322.00) |
| 2700 | Transport | 2,000.00 | 1,342.00 | 1,300.00 | (700.00) | (42.00) |
| 2800 | Gemellaggi | 3,500.00 | 2,235.75 | 3,500.00 | 0.00 | 1,264.25 |
| 2900 | Information services | 8,000.00 | 7,312.24 | 7,350.00 | (650.00) | 37.76 |
| 3000 | Contractual services | 241,460.00 | 232,841.21 | 239,750.00 | (1,710.00) | 6,908.79 |
| 3100 | Professional services | 21,610.00 | 21,475.82 | 23,350.00 | 1,740.00 | 1,874.18 |
| 3200 | Training | | 0.00 | | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 30,000.00 | 40,461.56 | 30,000.00 | 0.00 | (10,461.56) |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | |
| 3600 | LES Enforcement | 1,000.00 | 1,481.00 | 1,400.00 | 400.00 | (81.00) |
| 8000 | Depreciation | | | | | 0.00 |
| | | **424,270.00** | **399,031.13** | **392,750.00** | **(31,520.00)** | **(6,281.13)** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 50,000.00 | 15,321.27 | 138,062.00 | 88,062.00 | 122,740.73 |
| 7300 | Equipment | 9,000.00 | 6,965.17 | 4,000.00 | (5,000.00) | (2,965.17) |
| 7500 | Special programmes | 182424.23 | 234872.50 | 148725.25 | (33,698.98) | (86,147.25) |
| | | **241,424.23** | **257,158.94** | **290,787.25** | **49,363.02** | **33,628.31** |
| | TOTAL | **786,494.23** | **1,063,497.87** | **800,237.25** | **13,743.02** | **(263,260.62)** |

| ACCNT | DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR Euro | QTR 2 APR-JUN Euro | QTR 3 JUL-SEP Euro | QTR 4 OCT-DEC Euro | TOTAL Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 177,311.25 | 177,311.25 | 177,311.25 | 177,311.25 | 709,245.00 |
| 0002 | Supplementary | 32,927.75 | 32,927.75 | 32,927.75 | 32,927.75 | 131,711.00 |
| 0003 | Special needs | | | | | |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | | | | | |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community services | 5,125.00 | 5,125.00 | 5,125.00 | 5,125.00 | 20,500.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 4,000.00 | 16,000.00 |
| 0056 | Contributions and donations | 125.00 | 125.00 | 125.00 | 125.00 | 500.00 |
| 0066 | General services | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 14,000.00 |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 1,500.00 |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | | | | |
| 0120 | Contributions | | | | | |
| | TOTAL | 223,364.00 | 223,364.00 | 223,364.00 | 223,364.00 | 893,456.00 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 2,925.00 | 2,925.00 | 2,925.00 | 2,925.00 | 11,700.00 |
| 1200 | Employee salaries and wages | 19,000.00 | 19,000.00 | 19,000.00 | 19,000.00 | 76,000.00 |
| 1300 | Bonuses | 1,850.00 | 1,850.00 | 1,850.00 | 1,850.00 | 7,400.00 |
| 1400 | Income supplements | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 1,750.00 | 7,000.00 |
| 1600 | Allowances | 3,400.00 | 3,400.00 | 3,400.00 | 3,400.00 | 13,600.00 |
| 1700 | Overtime | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 250.00 | 1,000.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 12,000.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 14,975.00 | 14,975.00 | 14,975.00 | 14,975.00 | 59,900.00 |
| 2400 | Rent | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 2500 | International memberships | 675.00 | 675.00 | 675.00 | 675.00 | 2,700.00 |
| 2600 | Office Services | 1,375.00 | 1,375.00 | 1,375.00 | 1,375.00 | 5,500.00 |
| 2700 | Transport | 325.00 | 325.00 | 325.00 | 325.00 | 1,300.00 |
| 2800 | Travel | 875.00 | 875.00 | 875.00 | 875.00 | 3,500.00 |
| 2900 | Information services | 1,837.50 | 1,837.50 | 1,837.50 | 1,837.50 | 7,350.00 |
| 3000 | Contractual services | 59,937.50 | 59,937.50 | 59,937.50 | 59,937.50 | 239,750.00 |
| 3100 | Professional services | 5,837.50 | 5,837.50 | 5,837.50 | 5,837.50 | 23,350.00 |
| 3200 | Training | | | | | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 30,000.00 |
| 3400 | Incidental expenses | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 3600 | LES Enforcement | 350.00 | 350.00 | 350.00 | 350.00 | 1,400.00 |
| 8000 | Depreciation | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements to property | 34,515.50 | 34,515.50 | 34,515.50 | 34,515.50 | 138,062.00 |
| 7300 | Equipment | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 4,000.00 |
| 7500 | Special programmes | 37,181.31 | 37,181.31 | 37,181.31 | 37,181.31 | 148,725.25 |
| | **TOTAL** | **200,059.31** | **200,059.31** | **200,059.31** | **200,059.31** | **800,237.25** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **23,304.69** | **23,304.69** | **23,304.69** | **23,304.69** | **93,218.75** |

## 5.1 Kontijiet tas-Savings

### 5.1.1 Kont tas-Savings - HSBC - 784057692050

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 39,004.06 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 39,004.06 |

### 5.1.2 Kont tas-Savings - BOV - 17905262020

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 7733.22 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 7,733.22 |

### 5.1.3 Kont tas-Savings - APS - 12418510017

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 9.82 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 9.82 |
| | |

### 5.1.4 Kont Savings BOV - Measure 313 40019290476

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 352.54 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 352.54 |

### 5.1.5 kont Savings BOV – Measure 323 40019290463

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 11,031.20 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 11,031.20 |

### 5.1.6 kont Savings HSBC MITHNA 78057692051

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 17,488.18 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 17,488.18 |

## 5.2 Kontijiet Kurrenti

### 5.2.1 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692001

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | (5,632.76) |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | (5,632.76) |

### 5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 13,692.72 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 13,692.72 |

### 5.2.3 Kont Kurrenti – HSBC – 78057692401

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0.15 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 0.15 |
| | |

## 5.3 Kontijiet Fissi

### 5.3.1 Kont Fiss – BOV – 40018197570

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 203,000 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 203,000 |

## 5.4 Kontijiet Kurrenti Reserved

### 5.4.1 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40011321000

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | (424.79) |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | (424.79) |
| | |

### 5.4.2 Kont Kurrenti Reserved – BOV – 40014856831

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 4307.88 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |

| | |
|---|---|
| Bilanċ Nett tal-Bank | 4,307.88 |
| | |

### 5.4.23kont Kurrenti Kumitat Amministrattiv Bubaqra – BOV – 78057692002

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 41,991.80 |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 41,991.80 |
| | |

### Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni | (93.39) |
| Ghodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru, 2014 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| Bilanċ Nett | (56.67) |
| | |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## 6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji

*Fil-paġni segwenti jinstabu r-rapport ta' l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.*